TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Fit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi.

Rikors Nru. CCT 201/13 (JE).

Alfred u Bernadette konjuġi Delmar

vs

Bathroom Design Ltd..

Illum, 15 ta' Settembru 2014.

It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' Alfred u Bernadette konjuġi Delmar tad-9 ta' Settembru 2013 fejn stqarru illi ordnaw madum għal kamra tal-banju ta' prima kwalità imma wara illi l-madum tqiegħed mal-ħitan u twaħħal id-dawl fis-soffitt, ħarġu d-difetti tal-madum fosthom li ma kienx ta' l-istess kulur u parti mill-madum kien mibrum. Meta l-atturi kellmu lis-soċjetà konvenuta, dina bagħtet persuna biex tara x-xogħol illi kkonferma illi kien hemm xi madum m'hux tajjeb. Għalhekk, is-soċjetà konvenuta, kontra l-parir tal-atturi, iddeċidiet illi tibgħat persuna biex taqla' l-madum difettuż. Madankollu, dan ix-xogħol rimedjali iktar ikkawża ħsara u twaqqaf mill-atturi li reġgħu kellmu lis-soċjetà konvenuta illi kellha tibgħat il-perit tagħha imma peress illi naqset illi tagħmel hekk, kellhom jinbdew dawn il-proċeduri.

Ra r-risposta tas-soċjetà konvenuta li biha eċċepiet illi l-madum ta' tip Villeroy & Boch mibjugħ lill-atturi kien ta' prima kwalità u jikkonforma ma kull standard ewropew, il-madum ivarja fil-kulur minnu stess kif jidher ċar fil-mostra fil-ħanut. Is-soċjetà konvenuta eċċepiet ukoll illi għalkemm hija ma kienetx responsabbli għat-tqegħid tal-madum in kwistjoni, tali tqegħid kien ta' livell sodisfaċenti. Is-soċjetà konvenuta stqarret illi ppruvat tispjega lill-atturi illi d-dawl "led" fil-kamra tal-banju qiegħed jifforma dellijiet fit-trufijiet tal-madum u għalhekk, m'hux qed jogħġbu x-xogħol għaliex il-madum ma fih xejn ħażin barra mit-tolleranzi aċċettati.

Illi permezz ta' digriet tal-14 t'Ottubru 2013 ġie kkjamat in kawża Anthony Gatt, il-persuna illi qegħdet il-madum in kwistjoni.

Il-kjamat in kawża stqarr illi huwa l-ewwel kesa l-ħitan kollha bir-ramel u siment bl-irwiegel u mbagħad waħħal il-madum fuq il-kisi bil-kolla u dana biex jottjeni l-aħjar riżultat. Dam xi tmient ijiem għaddej bix-xogħol u l-atturi kienu jaraw ix-xogħol tiegħu kuljum u qatt ma lmentaw dwaru. Meta tlesta x-xogħol, l-atturi ħallsuh dritt. Madankollu, xi ġimgħat wara, is-soċjetà konvenuta nfurmatu illi l-atturi kienu qed jilmentaw dwar ix-xogħol. Meta spezzjona x-xogħol, il-kjamat in kawża deherlu illi huwa tajjeb imma fuq suġġeriment tas-soċjetà konvenuta, huwa aċċetta illi

jbiddel xi erba' madumiet minkejja illi deherlu illi l-ilment kien minħabba d-dawl fis-suffett. Meta beda jaqla' l-madum, tajjar il-maduma ta' ħdejha u għalkemm dina l-maduma setgħet tinbidel ukoll, l-attur waqfu milli jaqla' aktar madum.

Aċċeda fuq il-post fit-3 ta' Frar 2014.

Ra ix-xhieda prodotta mill-partijiet.

Ikkunsidra.

Illi t-Tribunal ħaseb fit-tul dwar dan il-każ u ma kienx faċli illi jasal għall-konklużjoni. Huwa minnu dak allegat mis-soċjetà konvenuta illi kwalunkwe materjal, anke dak ta' prima kwalità, għandu t-tolleranzi tiegħu. Huwa minnu ukoll illi l-mod kif ġie stallat id-dawl fil-kamra tal-banju qed jaċċentwa d-difetti illi hemm fil-madum u/jew fit-tqegħid. It-Tribunal kellu l-okkażjoni jaċċedi fil-kamra tal-banju in kwistjoni u wieħed seta' jara illi forsi bi ftit aktar galbu fit-tqegħid, ċerta difetti li rriżultaw setgħu jiġu minimizzati jew anke, evitati. Illi rriżulta ukoll illi l-atturi ma ngħataw l-ebda struzzjonijiet x'tip ta' dawl jistgħu jwaħħlu fil-kamra tal-banju in kwistjoni sabiex jiġu evitati problemi.

Illi rriżulta illi l-madum in kwistjoni sewa b'kollox elfejn u mitejn u ħamsin euro (€ 2,250) (Dok. DC) barra l-ispejjeż tat-tqegħid. Illi dan il-madum għadu jintuża mill-atturi.

In vista tas-suespost, it-Tribunal qed jiffissa arbitrio boni viri danni fl-ammont ta' tlett mitt euro (€ 300) li l-konvenuti qed jiġu kkundannati jħallsu in solidum bejniethom lill-atturi.

In vista tan-natura tal-kwistjoni, l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.

Av. Joseph Ellis
Arbitru.